

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 297/2012

tat-2 ta' April 2012

### dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ ta' oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jkun ipprovdut li, soġġett għall-miżuri fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea relatati mas-sistemi ta' verifika doppja u mas-sorveljanza minn qabel u retrospettiva ta'

oġġetti tessili waqt l-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, id-detentur ikun jista' għal perjodu ta' 60 jum ikompli joqgħod fuq taqrib tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhuwiex skont dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

#### Artikolu 2

Suġġett għall-miżuri fis-seħħ fl-Unjoni relatati mas-sistemi ta' verifika doppja u mas-sorveljanza retrospettiva ta' prodotti tessili waqt l-importazzjoni fl-Unjoni, wieħed jista' għal perjodu ta' 60 jum jibqa' joqgħod fuq taqrib vinkolanti fuq it-tariffi maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifika tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' April 2012.

Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

| Deskrizzjoni tal-prodotti  | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet   |
|--|------------------------------|--|
| (1)  | (2)                          | (3)  |
| <p>Oġġett rettangolari b'qies ta' madwar 60 bi 300 cm, magħmul minn żewġ saffi differenti (saff minn drapp tat-tessut u saff minn karta) mwaħħla flimkien u għandhom ħxuna totali ta' madwar 0,26 mm.</p> <p>Is-saff ta' drapp tat-tessut jikkonsisti minn fibri sintetiċi (polyester) mhux minsuġa bi ħxuna ta' madwar 0,18 mm u piż ta' madwar 48,3 g/m<sup>2</sup>. Is-saff ta' karta għandu ħxuna ta' madwar 0,08 mm u piż ta' madwar 20,9 g/m<sup>2</sup>.</p> <p>In-naħa viżibbli tas-saff tal-karta għandu disinn ħafif u erba' kordi tessili tal-qoton (fil-forma ta' spag) imwaħħla vertikalment għat-tul kollu. Fuq l-istess naħa, insibu zkuk irqaq tal-bambù imqiegħed orizzontalment tul il-wisgħa kollha b'intervalli ta' madwar 4 cm.</p> <p>L-oġġett jista' jintuża għal diversi skopijiet, pereżempju bħala purtiera fil-forma ta' pannell, bħala diviżorju ta' kamra, sabiex jgħatti post mikxuf użat għal ħżin, sabiex jissostitwixxi bieb.</p> <p>(purtiera fil-forma ta' pannell)</p> <p>(Ara r-ritratt nru. 657) (*)</p> | 6303 92 10                   | <p>Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1 għat-Taqsima 63, in-Nota 7(e) għat-Taqsima XI u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6303, 6303 92 u 6303 92 10.</p> <p>Id-drapp tat-tessut mhux minsuġ jagħti lill-oġġett il-karattru essenzjali, peress li l-preżenza tiegħu hi predominanti fil-kwantità u fil-piż, u minħabba l-funzjoni importanti tiegħu rigward l-użu tal-artikolu (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għar-Regola Ġenerali ta' Interpretazzjoni 3(b), punt VIII). B'mod aktar speċifiku, mingħajr il-funzjoni ta' rinfurzar tad-drapp tat-tessut mhux minsuġ, l-użu determinanti ma jkunx possibbli. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt il-Kapitolu 48 bħala oġġett magħmul minn karta hija eskluża.</p> <p>Ladarba l-oġġett jikkonsisti minn żewġ materjali differenti mwaħħlin flimkien (il-polyester tad-drapp tat-tessut mhux minsuġ u l-karta), l-oġġett huwa meqjus bħala oġġett magħmul fi ħdan it-tifsira tan-Nota 7(e) għal Taqsima XI.</p> <p>Ladarba z-zkuk irqaq tal-bambù huma mwaħħla b'intervalli ta' madwar 4 cm huma meqjusa bħala li għandhom biss funzjoni ornamenti u ma jikkontribwixxux għal rinfurzar tal-oġġett. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt il-Kapitolu 46 bħala oġġett magħmul mill-bamboo hija eskluża.</p> <p>Minħabba d-daqs tiegħu, il-possibilità li jista' jitqassar għat-tul mixtieq billi sempliċement jiġi maqtugħ, u l-fatt li jista' jintuża għal diversi skopijiet relatati mal-użu tal-purtieri, l-oġġett għandu l-karatteristiċi oġġettivi ta' purtiera jew ta' ħasira għal ġewwa.</p> <p>Għaldaqstant għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi tan-NM 6303 92 10 bħala purtiera jew ħasira għal ġewwa, ta' fibri sintetiċi.</p> |

(\*) Ir-ritratt huwa għal skopijiet ta' tagħrif biss.

